**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 31 ta' Mejju 2017**

**App. Nru. 388/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Carabott**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Peter Carabott, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 516258M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(a) minn Triq il-Lvant, il-Belt Valletta, xi ħin filgħodu nhar l-24 ta' Jannar 2003, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-għamla Peugeot 406 bin-numru ta' reġistrazzjoni BBN-537, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż l-elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u sar għad-dannu ta' Philip Sapiano u/jew persuna/i oħra;

(b) fl-24 ta' Jannar 2003 u fix-xhur ta' wara din id-data, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa (vettura tat-tip Peugeot 406 li l-valur tagħha huwa ta' aktar minn €2,329.37), meħuda b'qerq jew akkwistati

b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun ndaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

(c) fl-24 ta' Jannar 2003 u fix-xhur ta' wara din id-data, f'dawn il-Gżejjer, mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun bagħbas, neħħa, biddel jew għamel numru ta' l-identifikazzjoni ta' *chassis* jew makna ta', jew fuq vettura bil-mutur u cioe` billi waħħal numru tax-*chassis* falz jaqra VF38BP8CE80228124 fuq vettura tal-marka Peugeot 406 bin-numru tax-*chassis* oriġinali jaqra VF38BP8CE80219688 u bin-numru ta' reġistrazzjoni oriġinali ABI 421.

(d) kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Liġijiet ta' Malta ta' sentenza datata 9 ta' Marzu 2001 fejn kien misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Settembru 2013 fejn dik il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imsemmi Peter Carabott ħati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom, wara li rat l-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess Peter Carabott ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu tlettax-il (13) xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ġew sospiżi għal perjodu ta' tliet (3) snin. Peress li l-imsemmi Peter Carabott ma nstabx ħati ta' reati li dwarhom saru l-inkjesti (l-atti ta' liema huma esebiti in atti) il-Qorti ma kkundannatux iħallas spejjeż rinkorsi mal-ħatra ta' l-esperti hemm imsemmija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Peter Carabott fit-23 ta' Settembru 2013, fejn talab li din il-Qorti tirriforma, tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ma sabitux ħati ta' l-ewwel, it-tielet, u r-raba' imputazzjonijiet, tħassar, tirrevoka u tikkanċella dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u konsegwentement tilliberah mill-ħtija għal din l-istess imputazzjoni, jew alternattivament tvarja s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-piena u dana billi tinfliġġi piena inferjuri ghal dik inflitta fuqu;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

“**L-Ewwel Aggravju**

“Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fuq il-kredibilita` tax-xhieda ta’ Joseph Tonna. Illi b’kull rispett, l-Ewwel Qorti bbazat is-sentenza taghha esklussivament fuq ix-xhieda ta’ Joseph Tonna u strahet fuq ix-xhieda tieghu bhala prova shiha fil-kawza. L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet illi l-Qorti hija konvinta li ngiebu l-provi sufficjenti li juri li ftit granet wara li nsterqet il-vettura minghand Sapiano giet fil-pusesss tal-imputat; ingiebu provi sufficjenti ukoll li hu biegh din il-vettura lil Tonna. Inoltre hemm provi sufficjenti li l-imputat mhux biss qal lil Tonna li jrid ibiddel ic-chassis number tal-vettura in ezami imma kien addirittura hu (l-imputat stess) li qala’ x-*chassis number* tal-Peugeot il-bajda u qieghed minflok dak tal-Peugeot kulur palomino brown. Kien fuq hekk li l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-imputat kien jaf illi l-vettura mertu tal-kawza li kienet fil-pussess tieghu kienet misruqa. Illi l-Ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni mix-xhieda ta’ Tonna biss ghaliex l-ebda persuna li telghet tixhed ma indikat lill-appellant bhala l-persuna li kellha x’taqsam mal-karozza izda kien biss Tonna nnifsu illi dejjem kien indikat bhala l-persuna illi kellu x’jaqsam mal-karozza.

“Illi l-Ewwel Qorti qalet illi hija kellha l-opportunita` li tara u tisma’ lil Tonna jixhed quddiemha kemm bhala xhud tal-prosekuzzjoni kif ukoll meta sarlu l-kontroezami. Illi Tonna fi proceduri ohra quddiem Qorti diversament preseduta minn l-Ewwel Qorti kien ammetta illi huwa kien ghamel spergur quddiem il-Qorti fi procedura civili illi kien intavola Caruana (l-ahhar persuna li kellu pussess tal-vettura in kwistjoni) wara li giet sekwestrata l-vettura. Illi fil-fatt jirrizulta li Tonna kellu akkuzi quddiem qorti ohra fuq spergur u li kien biddel ix-*chassis number* minn fuq vettura ghal fuq vettura ohra liema *chassis number* huwa l-istess wiehed tal-appell odjern. Illi huwa ammetta ghall-akkuzi kollha fil-konfront tieghu (vide Kawza nru 409/2010).

“Quddiem l-Ewwel Qorti meta Tonna mistoqsi fuq il-kawza illi kien ammetta l-akkuzi dwar bdil tax-*chassis number* Tonna qal illi mhux vera illi huwa kien biddel ix-*chassis number*. Huwa qal illi huwa quddiem l-Ispetturi Mallia u Pullicino (prosekuturi anke fil-kawza odjerna) huwa kien qal illi huwa kien gab il-vettura lesta bix-*chassis number* b’kollox mizbugha lesta. Huwa qal fil-kawza odjerna ‘jiena kull m’ghamilt il-magna, *change of engine* biss ghamilt’. Illi allura hawnhekk wiehed jistaqsi jekk Tonna ddecieda li jghid il-verita` kif meta kien akkuzat huwa nnifsu ammetta li x-*chassis number* biddlu hu u mhux l-appellant izda meta gie biex jixhed kontra l-appellant qal li l-appellant kien li biddel ix-*chassis number*? Illi hawnhekk fl-umli opinjoni tal-appellant, jirrizulta car illi Tonna anke ricentement baqa’ ibiddel il-verzjoni. Jirrizulta car illi huwa kien ammetta anke wara li kien xtara u li kien l-appellant illi biddel ix-*chassis number* illi kien Tonna li kien biddlu x-*chassis number*. Li dan irrizulta car ghaliex baqa’ jinsisti fil-kontro-ezami illi huwa ma kien ghamel xejn izda kien l-appellant li kien biddlu x-*chassis number*. Ghalhekk wiehed ghandu jasal ghall-konkluzjoni li bhala fatt Tonna xejn ma kien kredibbli.

“Inoltre l-Ewwel Qorti qalet illi kellha l-opportunita` illi tara u tisma’ lil Joseph Tonna jixhed kemm bhala xhud tal-prosekuzzjoni kif ukoll in kontro ezami u li hija konvinta li Tonna kien qed jghid il-verita`. Meta wiehed jifli sew kemm ix-xhieda tieghu bhala xhud tal-prosekuzzjoni kif ukoll in kontro ezami wiehed jibda

biex jara illi Tonna lanqas biss kien konsistenti meta gie mistoqsi kif jaf lill-appellant. Illi fid-deposizzjoni li Tonna ta fit-18 ta' Ottubru 2010, huwa qal illi lill-appellant huwa sar jafu meta huwa mar gewwa l-garaxx tieghu sabiex jixtri l-vettura li kellu mahruqa fejn hu rrifjuta u li kien avvicinah l-appellant. Minn naha l-ohra fil-kontro-ezami li sar fit-18 ta' Marzu 2013 huwa ammetta li kien laqqaghhom certu wiehed Salvu.

"Inkonsistenza ohra kienet meta huwa fil-kontroezami li sar fit-18 ta' Marzu, 2013 Tonna qal:

"*'...gurament falz l-ewwel m'ammettejtx li xtrajt il-karozza minghand Carabott tajjeb u mbaghad tela' siehbi li gheni fuq il-karozza u qal, sema' lil Carabott li xtrajna l-karozza minghandu, li kien prezenti meta xtrajt il-karozza minghand Carabott jiena, li ghamilnieha flok il-karozza l-ohra kien hemm Joseph Sultana prezenti li rana ninnegozzjaw flimkien.'*

"Illi Joseph Sultana fix-xhieda li ta fl-inkjesta Magisterjali a fol 170 *et seq* jirrizulta car illi huwa ma kellux idea minn fejn gab il-vettura l-kannella. Fil-fatt huwa lanqas biss qatt ma staqsa xejn fuq il-vettura ghax kull ma kien qallu Tonna kien li xtara vettura ohra. Fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, Sultana qal illi lill-appellant huwa qed jaghrfu izda rah xi darbtejn biss. Huwa qal illi l-vettura il-kannella sabha gewwa l-garaxx ta' Tonna u dan qatt ma qallu minn fejn gabha. Huwa qal ukoll illi Tonna lanqas biss qallu kemm xtrah.

"Inoltre meta ta x-xhieda Paul Caruana fis-16 ta' Marzu 2011 fejn spjega kif din il-vettura kienet giet f'idejh fejn huwa qal li kien xtara l-karozza minghand certu Andrew Debono. Kienet f'idejn Caruana meta m'ghaddietx mill-VRT il-vettura u ghalhekk bdew l-investigazzjonijiet. Illi huwa xehed illi kellu kawza civili mertu tal-karozza. Caruana qal illi meta l-kawza civili kienet waslet ghas-sentenza persuna habbtitlu l-bieb ta' barra sabiex itih il-flus ta' kemm swietu l-vettura. Meta gie mistoqsi jekk hux qed jaghraf lil din il-persuna l-Qorti huwa wiegeb li le. Caruana qal illi kien Tonna illi mar ihabbatlu l-bieb tad-dar.

"Illi fl-istqarrija tieghu l-appellant cahad *a tempo vergine* illi huwa kellu x'jaqsam ma' din il-karozza u baqa' jghid l-istess kliem anke meta sar konfront bejnu u bejn Tonna, l-appellant dejjem insista li dak li kien qed jghid Tonna ma kienx minnu u qatt biddel verzjonijiet hekk kif ghamel Tonna kemm il-darba.

"Illi dejjem gie ritenut li l-Qorti tal-Appell bhala Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti dwar apprezzament ta' fatt izda taghmel ezami approfondit tal-provi biex tara jekk fuq il-fatti rizultanti l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha b'mod *'safe u satisfactory'* (vide Il-Pulizija vs Joseph Vella Nru: 440/2011 deciza 14 ta' Jannar 2013). Illi fl-umli fehma tal-appellant mill-provi prodotti u mix-xhieda tal-uniku xhud Tonna jirrizulta car hekk kif spjegat fis-suespost illi din ma hija xejn kredibbli peress li anke mix-xhieda stess jirrizulta illi Tonna baqa' jghid affarjiet li qatt ma gew ikkorroborati.

"Illi ghalhekk fl-umli opinjoni tal-appellant ix-xhieda ta' Tonna hija wahda illi mhux kredibbli ghaliex huwa baqa' jbiddel il-verzjonijiet dejjem u dan baqa' jaghmlu sahansitra anke meta sarlu l-kontro-ezami. Illi jinghad ukoll illi l-

appellant dejjem kien konsistenti fil-verzjoni tieghu u wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni wahda mill-aktar affarijiet importanti illi meta Tonna iddecieda illi jghid din il-verzjoni u cioe` dak li nghad fis-suespost l-appellant anke meta sarlu l-konfront quddiem il-Pulizija Ezekuttiva dejjem kien konsistenti u dejjem qal li huwa qatt ma kellu x'jaqsam ma din il-karozza.

"**It-Tieni Aggravju**

"It-tieni aggravju jikkonsisti illi fl-appell odjern hemm dubbju serju minn fejn gab il-karozza Tonna liema persuna laqa' l-vettura misruqa. Illi x-xhieda tieghu hekk kif spjegat fis-suespost hija wahda inkonsistenti u ghalhekk fl-umli opinjoni tal-appellant hemm dubbji serji kemm huwa vera illi huwa xtara l-vettura minghand l-appellant. Illi hekk kif jidher mis-suespost l-appellant anke waqt il-konfront li sar bejnu u bejn Tonna u l-appellant dejjem insista minn l-ewwel darba li kellmuh il-Pulizija illi huwa ma kellux x'jaqsam ma din il-karozza.

"Il-prosekuzzjoni min naha l-ohra qalet hija stess illi anke meta marru gewwa l-garaxxijiet tieghu huma ma sabu xejn li jista' jinkolpa lill-appellant. Illi l-prosekuzzjoni strahet biss fuq ix-xhieda ta' Tonna. Pero` hawnhekk wiehed jerga' jistaqsi kif wiehed ghandu jistrieh fuq ix-xhieda ta' Tonna meta xehed anke Sultana (li jahdem *part time* ma Tonna fiz-zmien li din il-karozza kienet fil-pussess tieghu) fejn qal illi l-karozza ma jafx minn fejn giet u li lanqas biss jaf lill-appellant bhala l-persuna li kien xtara l-karozza minghandu Tonna. Illi Tonna insista li l-appellant u hu kienu ftehmu l-prezz ta' Lm1,200 quddiem Sultana u kien Sultana illi ghenu jghid il-verita`. Illi meta xehed Sultana ma kkorrobora xejn minn dak li qal Tonna u ghalhekk wiehed jerga jistaqsi kif wiehed jista' jistrieh fuq xhieda ta' persuna illi qatt ma kienet u wisq anqas saret konsistenti u lanqas biss kienet ikkorroborata minn persuna li skond hu ghenu jghid il-verita`.

"Illi se mai ghandu jreggi l-principju sagrosant fil-kamp kriminali illi *in dubbio pro reo* u mhux il-kontra, kif effettivament jidher li gara f'dan il-kaz fejn l-Ewwel Qorti ibbazat is-sentenza taghha fuq xhieda li fl-umli opinjoni tal-appellant kienet inkonsistenti.

"Illi fid-dawl tal-fatti hawn fuq esposti, l-appellant umilment jissottometti li ma tezistix certezza morali u cioe` dak li huwa lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li tista' twassal biex issib lill-imputat hati li kkommetta r-reati surreferiti. Illi fl-aghar ipotezi l-provi prodotti jistghu jitqiesu li jwasslu ghal konvinzjoni fil-livell tal-possibbli, pero` certament mhux *beyond reasonable doubt* liema dubju ghandu ghalhekk jillimita [*recte:* jimmilita] favur l-akkuzat.

"**It-Tielet Aggravju**

"Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija eccessiva u ma tirriflettix ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. L-esponent huwa ben konsapevoli tal-fatt li din l-Onorabbli Qorti dejjem irriteniet li l-pieni ghandhom iservu l-iskop ta' deterrent generali u l-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom jibaghtu messagg car illi ricettazzjoni ghandha ggib maghha certi konsegwenzi. Pero` ghandu jinghad ukoll bl-akbar rispett li din l-Onorabbli Qorti, f'diversi okkazjonijiet, kellha l-opportunita` li tirrimarka li ghalkemm l-element tad-deterrent generali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta'

> Gustizzja Kriminali ghandha zzomm f'mohhha fil-ghoti tal-piena, ghandu li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fatti speci partikolari tal-kaz u l-piena erogata.
>
> "Illi fil-kaz odjern giet esebita l-fedina penali tieghu. Illi di piu` meta wiehed jifli sew il-fedina penali tal-appellant wiehed jara illi s-sentenzi li kellu qatt u qatt ma kellhom x'jaqsmu ma serq izda pjuttost kellhom x'jaqsmu ma affarijiet totalment differenti bhal karozzi imhollija fit-triq minghajr licenzja.
>
> "Illi fl-umli opinjoni tal-appellant, huwa jhoss illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tieghu hija wahda sproporzjonata ghal dak li allegatament gara u dan hekk kif ser jigi trattat aktar fid-dettal fit-trattazzjoni ta' dan l-appell."

**6.** L-ewwel żewġ aggravji jirrikjedu apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** U bħalma ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Brian Caruana** deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Mejju 2002: **"Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli."**

**8.** Issa, fil-każ in eżami l-kwistjoni tirrisolvi ruħha f'waħda dwar il-kredibilita` tax-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni Joseph Tonna. F'dar-rigward tfakkar, din il-Qorti, li l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li **"ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar"**.

**9.** Bħalma għamlet l-ewwel Qorti, din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti. Minn banda għandna ċ-ċaħda li għamel l-appellant lill-Pulizija li qatt kellu x'jaqsam mal-karozza in kwistjoni. Mill-banda l-oħra hemm ix-xiehda ta' Joseph Tonna li jgħid li akkwista l-karozza mingħand l-appellant.

**10.** L-appellant jirreferi għal xi inkonsistenzi fil-verżjoni ta' Joseph Tonna. Jirreferi għall-fatt li fil-proċeduri li kienu ttieħdu kontra Joseph Tonna, dan Tonna kien ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, fosthom dik li kien biddel ix-*chassis number*, filwaqt illi meta xehed f'dawn il-proċeduri qal

li kien l-appellant li kien biddel in-numru. Din l-inkonsistenza tista' tkun biss apparenti peress illi, wara kollox, in-numru li Tonna jgħid li l-appellant waħħal fuq il-karozza in kwistjoni kien in-numru li ttieħed minn fuq karozza oħra Peugeot (taxi) li Tonna kien xtara mingħand ħuh u li kienet inħarqet parzjalment. Jiġifieri jekk kien verament l-appellant li biddel in-numru tax-*chassis,* Tonna kien ipprovda lill-appellant bin-numru u, għalkemm forsi mhux responsabbli bħala ko-awtur, responsabbli bħala kompliċi. Jiġifieri l-ħtija dikjarata ta' wieħed ma teskludix neċessarjament il-ħtija ta' l-ieħor.

**11.** L-appellant jgħid ukoll li Tonna ma kienx konsistenti meta gie mistoqsi kif jaf lill-appellant peress illi meta xehed fit-18 ta' Ottubru 2010, huwa qal illi lill-appellant huwa sar jafu meta l-appellant mar ġewwa l-garaxx tiegħu sabiex jixtri l-vettura li kellu maħruqa fejn hu rrifjuta u li kien avviċinah l-appellant, filwaqt illi fil-kontro-eżami li sar fit-18 ta' Marzu 2013 qal li kien laqqagħhom ċertu wieħed Salvu. Hawn ukoll, ħaġa ma teskludix lill-oħra. Wara kollox "Salvu" seta' kien laqqagħhom qabel ma l-appellant, kif jgħid Tonna, mar għandu jitolbu biex jixtri t-taxi, u seta' laqqagħhom dakinhar stess. X'kienu ċ-ċirkostanzi ma jirriżultawx. U d-difiża ma dehrilhiex li kellha tipproduċi lill-imsemmi "Salvu". Jiġifieri l-inkonsistenza hi mill-ġdid waħda apparenti.

**12.** Inkonsistenza oħra, skond l-appellant, hi li filwaqt illi Tonna jgħid illi kien hemm preżenti Joseph Sultana meta sar in-negozju dwar il-karozza in kwistjoni ma' l-appellant, l-istess Sultana jgħid illi ma kellux idea minn fejn Joseph Tonna kien ġab il-karozza. Meta xehed Joseph Sultana quddiem l-ewwel Qorti huwa qal illi l-appellant ġieli mar il-garaxx ikellem lil Joseph Tonna iżda qatt ma tkellmu quddiemu; b'hekk ma kienx jaf fuqhiex kienu jitkellmu. Jiġifieri Joseph Sultana ma kkonfermax dak li qal Joseph Tonna. Iżda dan waħdu jeskludi r-responsabbilta` ta' l-appellant?

**13.** Din il-Qorti ma tistax ma tirreferix għal dak li xehed ukoll Joseph Tonna li l-appellant qallu li l-karozza ma kellhiex *chassis number* għax kienet "klejmjata". Meta ġie mistoqsi mill-Qorti x'jifhem bil-kelma "klejmjata", Tonna wieġeb "klejmjata jiġifieri tkun klejmjata bħala misruqa". Dan biss juri *guilty knowledge* da parti ta' l-appellant. Tirreferi wkoll għal dak li qalet l-ewwel Qorti li quddiemha wkoll kienet ġiet disputata l-kredibilita` ta' Joseph Tonna. Hija qalet hekk:

> "Illi kif gustament issottomettew il-partijiet dan il-kaz jistrih kwazi esklussivament fuq il-kredibilita` tax-xhud Joseph Tonna. Id-difiza tissottometti li Joseph Tonna mhux xhud kredibbli u d-depozizzjoni tieghu ghandha tigi skartata. Il-prosekuzzjoni min-naha l-ohra tghid li ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn Tonna, li ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu dwar dan il-kaz, kellu jigdeb fuq l-imputat; fi kwalunkwe kaz, tkompli tissottometti l-prosekuzzjoni, huwa kien konsistenti fil-verzjoni tieghu kull darba li huwa rrakkonta l-fatti ta' dan il-kaz.

"Illi l-Qorti kellha l-opportunita` li tara u tisma' lil Joseph Tonna jixhed kemm bhala xhud tal-prosekuzzjoni kif ukoll meta rega ingieb, zmien wara, fuq talba tad-difiza ghall-kontro-ezami. Il-Qorti hija konvinta li Joseph Tonna kien qed jghid il-verita`. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li waqt il-kontro-ezami Joseph Tonna ammetta li huwa kien ha gurament falz quddiem il-Qorti fil-proceduri civili li kien intavola Paul Caruana wara li giet sekwestrata l-vettura. Joseph Tonna inizjalment (u fil-kors ta' dawk il-proceduri) kien qed jichad li huwa kellu xi involviment pero` eventwalment iddecieda li jghid il-verita` u jammetti kollox anke mal-pulizija."

**14.** Meħud kollox in konsiderazzjoni, din il-Qorti hi għalhekk tal-fehma li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi li l-appellant kien ħati tar-reat ta' riċettazzjoni.

**15.** Kwantu għall-piena, mhuwiex normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi jew ma tkunx manifestament sproporzjonata meqjusa ċ-ċirkostanzi tal-każ. Fil-każ in eżami, il-piena ta' tlettax-il xahar priġunerija nflitta mill-ewwel Qorti hi l-minimu stabbilit mil-liġi. Inoltre din il-piena ġiet sospiża mill-ewwel Qorti ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, u wara li din il-Qorti qieset in-natura tar-reat u l-fedina penali ta' l-appellant, ma ssibx raġuni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata għal dik li hi piena.

**16.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier. Għal kull bwon fini din il-Qorti spjegat lill-imsemmi Peter Carabott bi kliem ċar ir-responsabbilta` tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.